**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 28 ta' Novembru, 2024**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Numru:- 770/2021 JVC**

Zarb Coaches Limited (C-28927)

Vs

1. L-Avukat tal-Istat; u
2. Awtorita' ghat-Trasport f'Malta
3. Il-Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali u permezz tad-digriet datat 15 ta' Ottubruy, 202 l-atti ghaddew ghal fuq il-Ministru ghat-Trasport, l-

Infrastruttura u x-Xoghlijiet Pubblici.

**Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Zarb Coaches Limited (C-28927) li jaqra kif isegwi:**

1. 'Illi s-socjeta' esponenti hija kumpannija registrata F'Malta u toffri servizzi ta' garr ta' passiggieri.

2. Illi fix-xahar ta' Settembru 2020, is-socjeta' esponenti kien jehtigilha tottjeni licenzja ta' vettura ghall-garr ta' passigieri ai termini tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (S.L. 499.56) relattivament ghal tliet vetturi, senjatament, il-vettura tat-tip Iveco Daily Minibus bic-chassis number ZCFK265C105086004, il-vettura tat-tip Mercedes Sprinter bic-*chassis* number W1V9076572P261965 u il-vettura tat-tip Mercedes Sprinter bic-chassis number W1V9076572P261965 u il- vettura tat-tip Mercedes Sprinter bic-chassis number W1V9076572P261966.

3. Illi fil-perjodu rilevanti, meta' s-socjeta' esponenti kienet ipprezentat l-imsemmija applikazzjonijiet, ir-Regolament 117 tal-S.L. 499.56, Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri, kien jiddisponi s-segwenti:

*"**117.**(1) Ghal perjodu ta' **hdax il-sena** minn meta dawn ir-regolamenti jidhlu fis-sehh, il-hlas ta' l-applikazzjoni ghal licenzja ta' vettura ghall-garr ta' passiggieri msemmija fir-regolament 27 ghandha tkun maqsuma f'zewg partijiet li huma d-dritt ta' l-applikazzjoni u d-dritt tad-dhu lfejn dan japplika kif stipulat fil-Parti 4 tal-Ghaxar Skeda.*

*(2) Fl-ahhar tal-perjodu msemmi hawn fuq, id-dritt tad-dhul ma jibqax japplika, izda jekk, l-Awtorita', sitt xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' sitt snin imsemmi f'dan is-subregolament taghmel konsultazzjonijiet mar-rapprezentati ta' l-operaturi sabiex tkun f'pozizzjoni li tanalizza r-riperkussjonijiet li jista' jkun hemm fuq t-tnehhija tad-dritt tad-dhul."*

4. Illi l-imsemmija Regolamenti, inkluz ir-Regolament 117, dahlu fis-sehh fid-19 ta' Mejju 2009 bl-unika eccezzjoni tal-Parti III, ossia Regolamenti 17 sa 23, li jittrattaw dwar Premess ta' Xufier, li dahlu fis-sehh sitt xhur aktar tard ossia fid-19 ta' Novembru 2009.

5. Illi sa fejn jirrigwarda r-Regolament 117, l-imsemmi perjodu ta' hdax il-sena skada fid-19 ta' Mejju 2020.

6. Illi ma saret l-ebda konsultazzjoni ai termini tar-Regolament 117(2) u effettivament l-applikabilita' tad-dritt tad-dhul ma gietx imgedda ulterjorment.

7. Illi minkejja dan, l-Awtorita' ghat-Trasport, b'mod ghal kollox arbitrarju, illegali u *ultra vires,* baqghet tinsisti li tezigi l-hlas tad-dritt tad-dhul oltre d-dritt ta' l-applikazzjoni meta d-dritt tad-dhul oltre d-dritt ta' l-applikazzjoni meta d-dritt tad-dhul ma baqax aktar applikabbli.

8. Illi s-socjeta' esponenti kif jehtigilha tottjeni l-licenzi relattivi ghall-imsemmija tliet vetturi ghall-htigijiet operattivi taghha u giet kostretta li thallas id-dritt tad-dhul ghal kull wahda mill-imsemmija tliet licenzi, senjatament, is-somma ta' €17,596.00 fir-rigward tal-vettura tat-tip Iveco Daily Minibus bic-chassis number ZCFK265C105086004, is-somma ta' €17,726.25 fir-rigward tal-vettura tat-tip Mercedes Sprinter

bic-chassis number WiV9076572P261965 u s-somma ta' €17, 726.25 fir-rigward tal-vettura tat-tip Mercedes Sprinter bic-chassis number W1V9076572P261966.

9. Illi s-socjeta' esponenti ghamlet tali hlasijiet *under protest* u b'rizerva ghad-dritt li tistitwixxi proceduri ghar-rifuzjoni tad-dritt tad-dhul.

10. Illi ghalhekk, is-socjeta' esponenti ghandha dritt li titlob ir-rifuzjoniji tad-drittijiet tad-dhul imhallsa minnha kif premess in kwantu dawn ma kienux dovuti li jithallsu.

11. Illi fis-6 ta' Ottubru 2020, is-socjeta' esponenti istitwiet tliet proceduri separati, ossia procedura ghal kull wahda mill-imsemmija licenzji, li prezentement qed jinstemghu quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha, senjatament ir-Rikors Numru 79/2020/TA, ir-Rikors Numru 80/2020/TA u ir-Rikors Numru 81/2020/TA u li permezz taghhom talbet dikjarazzjoni li d-decizjoni tal-Awtorita' ghat-Trasport li tezigi l-hlas tad-dritt tad-dhul bhala kundizzjoni sabiex tohrog licenzja ai termini tar-Regolament 112 tal-S.L.599.56 fir-rigward tal-vettura *de quo* hija arbitrarja, illegali *u ultra vires* u talbet ukoll li l-Awtorita' ghat-Trasport tigi kkundannata sabiex tirrifondi lis-socjeta' esponenti id-drittijiet tad-dhul li hija giet kostretta thallas kif premess.

12. Illi fil-21 ta' Mejju 2021, **wara li gew istitwiti l-imsemmija tliet proceduri**, gie introdott l-Avviz Legali 216/2021 intitolat *Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri* li permezz taghhom gew

emendati ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (S.L. 499.56) bis-segwenti mod:

i. Il-perjodu ta' hdax il-sena li kien jissemma fil-precitat Regolament 117 tal-S.L. 499.56 gie sostitwit b'perjodu ta' tlettax-il sena.

ii. Immedjatament wara s-subregolament (1) tar-Regolament 117 gie mizjud is-segwenti paragrafu:

*"L-obbligazzjoni tal-hlas tad-dritt tad-dhul ghandha tapplika b'effett retrospettiv mid-19 ta' Mejju tas-sena 2020."*

iii. Is-subregolament (2) tar-Regolament 117 gie sostitwit *in toto* bis-segwenti:

*"(2) Fl-ahhar tal-perjodu msemmi hawn fuq, l-Awtorita' ghandha, sitt (6) xhur qabel ma jintemm il-perjodu imsemmi fis-subregolament (1), taghmel mar-rapprezentanti tal-operaturi sabiex tiddetermina jekk id-dritt tad-dhul ghandux jibqa' japplika u sabiex tannalizza r-riperkussjonijiet potenzjali fuq it-tnehhija tad-dritt tad-dhul."*

13. Illi ghalhekk, l-Avviz Legali 216/2021 introduca dispozizzjoni retroattiva li hija specifikament intiza sabiex tapplika fil-konfront tas-socjeta' esponenti sabiex ittelfilha d-dritt sostantiv li fuqu huma bazati l-pretensjonijiet taghha fir-rikorsi 79/2020/TA, 80/2020/TA u 81/2020/TA.

14. Illi dan jammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq hekk kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

15. Illi dan jammonta wkoll ghal vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ghat-tgawdija ta' possedimenti hekk kif sancit mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, in kwantu tali mizura retroattiva tikkostitwixxi interferenza li tohloq zbilanc bejn l-eventwali htigijiet tal-interess generali min-naha l-wahda, u l-protezzjoni tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti.

16. Illi in oltre, is-socjeta' esponenti kellha aspettativa legittima li l-pretensjonijiet taghha, hekk kif dedotti permezz tar-rikorsi 79/2020/TA, 80/2020/TA u 81/2020 TA, jigu decizi fil-mertu skond il-ligi kif kienet vigenti meta gew prezentati l-imsemmija proceduri u li ma jigux imxejjna bl-applikazzjoni ta' ligi retroattiva. Ghalhekk, l-Avviz Legali 216/2021 u konsegwentement ir-Regolament 117 tal-S.L. 499.56, hekk kif emendat bl-istess Avviz Legali, jivvolaw l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

17. Ili ghalhekk dana kollu jammonta ghal vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tas-socjeta' esponenti, senjatament vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-istess Konvenzjoni u tal-Libertajiet Fondamentali u vjolazzjoni tal-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni.

18. Illi ghalhekk is-socjeta' esponenti kienet kostretta tistitwixxi din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li, ghar-ragunijiet premessi, l-Avviz Legali 216/2021 u konsegwentement ir-Regolament 117 ta' S.L. 499.56, hekk kif emendat bl-imsemmi Avviz Legali, jiksru d-drittijiet fondamentali tas-socjeta' esponenti hekk kif sanciti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni u mill-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni.

2. Tordna l-Avviz Legali 216/2021 u konsegwentement ir-Regolament 117 tal-S.L.499.56, hekk kif emendat bl-imsemmi Avviz Legali, m'ghandhomx joperaw sabiex icahhdu, jew altrimenti jfixklu, lis-socjeta' esponenti mit-tgawdija tad-drittijiet sostantivi li hija kienet tgawdi qabel l-introduzzjoni tal-istess emendi, liema drittijiet sostantivi jifformaw il-mertu tal-kawzi 79/2020/TA, 80/2020 TA u 81/2020/TA.

3. Takkorda kwalsijasi rimedju ulterjuri li jidhrilha xieraq u opportun sabiex id-drittijiet fondamentali tas-socjeta' esponenti ai termini tal-Artikolu 6 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal- Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u ai termini tal-Artikoli 37 u 39 tal- Kostituzzjoni jigu tutelati.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali fuq kwalsijasi kumpens eventwalment akkordat lis-socjeta' esponenti sal-effettiv pagament a karigu tal-konvenuti li qed jigu ingunti miss issa stess ingunti ghas-subizzjoni taghhom.'

**Rat ir-risposta tal-Awtorita' ghat-trasport f'Malta li taqra kif isegwi :**

1. 'B'din il-kawza, is-socjeta' rikorrenti qed tilmenta dwar allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghha ta' smigh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 39 ta' Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6tal-Konvenzjoni Ewropea, oltre' vjolazzjoni tad-dritt fundamentali ghat-tgawdija ta' possedimenti hekk kif sanciti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan minhabba emendi li saru fir-Regolament 117 tal-Ligi Sussidjarja 499.56.

2. L-Awtorita' esponenti tirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt billi, kif ser jigi spjegat, l-ebda agir tal-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.

3. Ir-Regolament 117 tal-Ligi Sussidarja 499.56, li jirregola d-dritt tal-applikazzjoni (application fee) u d-dritt tad-dhul (entry fee) tal-licenzji tal-vetturi ghall-garr ta' passiggiera, dahal fis-sehh fis-19 ta' Mejju 2009. Dan l-artikolu kien jghid li wara hdax-il sena mid-dhul tar-regolament, "id-dritt tad-dhul ma jibqax japplika, izda jekk, l-Awtorita', sitt xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' sitt snin imsemmi f'dan is-subregolament taghmel konsultazzjoni mar-rapprezentanti tal-operaturi sabiex tkun f'posizzjoni li tanalizza r-

riperkussjonijiet li jista' jkun hemm fuq t-tnehhija tad-dritt tad-dhul." (sic!)

4. Is-socjeta' rikorrenti ppretendiet u ghadha qed tippretendi, b'mod hazin, li d-dritt tad-dhul ma baqghax japplika b'mod awtomatiku wara li skada t-terminu originali tar-regolament. Madankollu, u ghalkemm il-wording tar-regolament 117 ma kien xejn felici , l-ispirtu tieghu kien car : L-Awtorita' kienet vestita b'diskrezzjoni dwar jekk **tnehhix** jew le d-dritt tad-dhul wara li taghmel il-konsultazzjonijiet mal-operaturi.

5. **L**-Awtorita' esponenti ottemporat ruhha ma dak li jirrikjedi ir-Regolament 117, fis-sens li ghamlet konsultazzjonijiet mar-rapprezentanti tal-operaturi sabiex tkun f'posizzjoni li tanalizza r-riperkussjonijiet li jista' jkun hemm fuq it-tnehhija tad-dritt tad-dhul.

6. Meta' s-socjeta' rikorrenti rregistrat il-vetturi mertu ta' din il-kawza, l-Awtorita' esponenti ma kinitx ghadha kkonkludiet dawn il-konsultazzjonijiet, u ghalhekk kellha kull jedd tesigi l-hlas tad-dritt tad-dhul biex tohrog il-licenzji lis-socjeta' rikorrenti, peress li d-dritt tad-dhul kien ghadu ma tnehhiex u anzi kemm hemm intendiment car li l-istess dritt tad-dhul ma kienx ser jitnehha. Ir-rikorrenti mhux biss kienet konsapevoli ta' dan il-fatt, talli kienet fost l-operaturi li kienu qed jippartecipaw fil-konsultazzjonijiet b'mod attiv.

7. Dawn il-konsultazzjonijiet kienu ghadhom pendenti meta s-socjeta' rikorrenti fethet il-kawzi bin-numru 79/2020 TA, 80/2020 TA, u 81/2020 TA, u d-decizjoni dwar jekk id-dritt tad-dhul kellux jitnehha jew le kienet ghalhekk ghadha pendenti meta nbdew dawk il-proceduri, u r-rikorrenti

kienet konxja ta' dan il-fatt ghaliex hi stess kienet qed tippartecipa fil-konsultazzjonijiet kif gja nghad.

8. Isegwi ghalhekk li l-Awtorita' esponenti kellha kull jedd illi wara l-gheluq tal-konsultazzjonijiet, tiddeciedi li ma tnehhix l-obbligazzjoni tal-hlas ta' dan id-dritt tad-dhul (entry fee), u konsegwentement kellha kull jedd ukoll li testendi il-perijodu ta' hdax il-sena ghal tlettax il-sena, kif fil-fatt ghamlet, u sabiex jigi evitat kull ekwivoku, din l-emenda saret b'mod retroattiv.

**9.** L-emendi legislattivi kienu ghalhekk previsti u prevedibbli, tant li din kienet it-tieni u mhux l-ewwel darba li t-terminu stabbilit fir-regolament gie estiz. L-emendi dejjem saru fl-interess generali tas-settur li topera fih fis-socjeta' rikorrenti, wara l-awtorita' esponenti segwiet id-dettami tal-ligi u kkonsultat mar-rapprezentanti tas-settur, fosthom is-socjeta' rikorrenti stess. L-emendi ghalhekk ma sarux sabiex ixejnu xi drittijiet tas-socjeta' rikorrenti: l-emendi kienu ser jidhlu fis-sehh irrispettivaent mill-proceduri gudizzjarji li intavolat is-socjeta' rikorrenti bin-numri 79/2020 TA, 80/2020 TA, u 81/2020 TA**.**

10. Maghdud dan, ma hemm ebda vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali billi l-legislatur ghandu s-setgha jippromulga ligijiet jew disposizzjonijiet retroattivi anke f'procedimenti ga avvjati. L-unika eccezzjoni tirrigwardja r-retroattivita ta' disposizzjonijiet ta' indoli kriminali.

11. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, safejn l-ilment tas-socjeta' rikorrenti huwa msejjes fuq il- proviso tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu

39 tal-Kostituzzjoni, ma hemm ebda interferenza fuq id-dritt tad-tgawdija pacifika tal-possedimenti tar-rikorrenti billi il-ligi impunjata ma holqot ebda piz gdid fuq ir-rikorrenti u r-rikorrenti ma setghax ragonevolment ikollha aspettattiva legittima li ma thallasx id-dritt tad-dhul.

12. In oltre', safejn l-ilment tas-socjeta' rikorrenti huwa msejjes fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 ta' Kostituzzjoni ta' Malta, ir-rikorrenti ma garbu ebda ksur tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq kif minnhom allegat, billi kif gja nghad, il-legislatur ghandu s-setgha jippromulga ligijiet jew disposizzjonijiet retroattivi anke f'procedimenti ga avvjati, u l-proceduri mibdija minnha jistghu jitkomplew minghajr xkiel.

13. F'kull kaz, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

14. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'

Rat ir- risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali li taqra kif isegwi :

1. 'Illi qabel xejn l-esponent Ministru Ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali ma jgawdix mill-legittimazzjoni passiva sabiex iwiegeb ghat-talbiet tal-kumpannija rikorrenti u b'hekk ghandu jigi mehlus mill-harsien tal-gudizzju. Filwaqt li mhuwiex kontestat li l-Avviz Legali in mertu **(A.L. 216 tal-2021**) inhareg mill-Ministru intimat, fl-istess waqt, huwa maghruf sewwa fil-gurisprudenza li f'azzjonijiet bhal ta' din ix-xorta, fejn ikun

qed jigi attakkat is-siwi kostituzzjonali u konvenzjonali ta' xi ligi , huwa l-intimat Avukat tal-Istat li ghandu jidher f'isem il-Gvern , u dan skont ma jipprovdi l-**artikolu 181B(2)** tal-**Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.** Jigi b'hekk li l-Ministru intimat mhuwiex il-legittimu kontradittur u gie mharrek f'din il-kawza ghal xejn b'xejn;

2. Strettament bla hsara ghall-ewwel eccezzjoni, u fil-mertu, l-azzjoni tar-rikorrenti hija manifestament infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan kemm ghar-ragunijiet li ser ikunu qed jigu mqajjma f'din ir-risposta, kif ukoll minn dak kollu li ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Fl-ewwel lok, mhuwa xejn minnu li l-emendi legislattivi in kontestazzjoni gew introdotti specifikament sabiex itellfu lill-kumpannija attrici minn xi dritt sostantiv li fuqu bbazat il-pretensjonijiet taghha fir-rikorsi 79/2020TA, 80/2020 TA u 81/2020 TA. Minn kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-emendi li dahlu fis-sehh permezz tal-**Avviz Legali 216 tal-2021** ma wasslux biex b'xi mod jew iehor bidlu l-istatus quo guridiku li kienet tinsab fih il-kumpannija rikorrenti qabel ma gie ppublikat it-tali l-Avviz Legali. Bhalma qalet tajjeb l-Awtorita' intimata fir-risposta taghha, kemm qabel kif ukoll wara l-intervent legislattiv in kontestazzjoni, id-Dritt tad-Dhul kif stipulat fir-raba' parti tal-Ghaxar Skeda tar-**Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr tal-Passiggieri (L.S. 499.56)** dejjem baqa' applikabbli, u b'hekk ma jistax jinghad li l-emendi legislattivi in kwistjoni sejrin b'xi mod jolqtu l-ezitu tal-kawzi pendenti bin-numru ta' referenza 79/2020TA, 80/2020 TA u 81/2020TA;

4. Sussidjarjament u bla hsara ghall-eccezzjonijiet ta' qabel din, anke li kieku stess wiehed kellu jimxi mat-tezi tal-kumpannija rikorrenti u jissupponi, li l-emendi mdahhla bl-**Avviz Legali 216 tal-2021** ser ikunu qed jaffettwaw l-ezitu tal-kawzi 79/2020 TA, 80/2020 TA u 81/2020TA, jibqa' xorta wahda l-fatt li, fil-principju, l-legislazzjoni b'mod retroattiv fil-kamp civili, mhuwiex meqjus awtomatikament inkompatibbli mal-jedd ghal smigh xieraq kif imhares taht l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.** Barra minn hekk, l-intervent legislattiv b'mod retroattiv fil-kamp civili huwa wkoll permissibbli mill-**artikolu 9 tal-Att Dwar l-Interpretazzjoni (Kapitolu 249 tal- Ligijiet ta' Malta);**

5. Sewwasew f'dan il-kaz l-emendi legislattivi permezz tal-**Avviz Legali 216 tal-2021** gew mnedija ghal ragunijiet ta' "compelling reasons of public interest", u b'hekk, l-intervent legislattiv mill-Ministru intimat m'ghandux jitqies li wassal ghall-tkasbir tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti taht l-artikolu 6 tal-**Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.** Barra minn hekk, tali intervent legislattiv la fixkel u lanqas b'xi mod laqat il-garanziji processwali hekk kif imharsa bl-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;**

6. L-emendi legislattivi **f'Regolament 117 tal-L.S. 499.56,** kienu kemm previsti kif ukoll prevedibbli, tant li din ma kinitx l-ewwel darba li l-perjodu stabbilit fl-**ewwel paragrafu ta' Regolament 117** gie estiz. Barra minn hekk tali emendi saru wkoll fl-interess generali tas-settur li fih topera il-kumpannija rikorrenti, u dan wara li l-istess awtorita'

intimata mxiet ma dak li titlob il-ligi u kkonkludiet il-konsultazzjonijiet mar-rapprezentanti tal-operaturi (inkluz dawk tal-kumpanijja rikorrenti). Isegwi ghalhekk li, ironikament, l-emendi legislattivi in kwestjoni ddahlu propju sabiex jipprotegu l-interessi generali tal-operaturi, bhalma wara kollox hija kumpannija rikorrenti, u mhux biex b'xi mod jew iehor ixejjnu l-pretensjonijiet li kellha u ghad ghanda l-kumpannija rikorrenti fil-kawza pendenti kontra l-awtorita' intimata. Kemm hu hekk, **tali emendi kienu ser jidhlu xorta wahda, u dan anke li kieku ma kienx hemm il-litigazzjoni pendenti bejn il- kumpannija rikorrenti u l-awtorita' intimata,**

7. Marbut sfiq mal-eccezzjonijiet precedenti, is-sostituzzjoni tat-**tieni paragrafu ta' Regolament 117 tal-L.S. 499.56,** ma saritx sabiex 'iccaqalaq il-lasti' fil-kawzi pendenti 79/2020TA, 80/2020TA u 81/2020TA, izda sabiex jigi msewwi il-lapsus calami li kien hemm fil-verzjoni originali tat-test Malti ta' **Regolament 117(2) tal-L.S. 499.56.** Huwa sewwasew fid-dmir tal-legislatur li jara li l-ligi tkun legibbli, u intellegibbli. Barra minn hekk, huwa wkoll fl-interess generali il-ligi tkun cara u inekwivoka ghal kulhadd. Isegwi ghalhekk li thares minn kull fejn thares, l-emendi legislattivi permezz tal-**Avviz Legali 216 tal-2021** saru ghal "compelling reasons of public interest" u mhux biex jinfluenzaw l-ezitu tal-proceduri pendenti li hemm bejn il-kumpannija rikorrenti u l-awtorita' intimata;

8. Minn naha l-ohra u sa fejn imbaghad il-kumpannija rikorrenti qed tallega li l-emendi in kwestjoni wasslu biex kasbru l-jeddijiet taghha kif imharsa taht l-**ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu**

**37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, l-esponent jibda' biex iwiegeb li tali lment huwa fic-cirkustanzi improponibbli, u dan ghaliex il-pretensjonijiet li ghandha l-kumpannija rikorrenti fil-proceduri gudizzjarji bir-refernza 79/2020TA, 80/2020TA u 81/2020 TA, ma jikkwalifikawx bhala *'possediment'*;

9. Bla hsara ghat-tielet eccezzjoni, u ghar-ragunijiet imsemmija fil-hames, is-sitt u s-seba' eccezzjonijiet, il-kumpannija rikorrenti lanqas ma tista' tghid li kienet tgawdi minn xi **'aspettattiva legittima'** li l-kaz taghha kien ser jigi deciz bil-mod ta' kif qed tippretendi. Apparti li ma hemm l-ebda gurisprudenza li ssostni l-pretensjonijiet tal-kumpannija rikorrenti kif imqajjma fil-kawzi bir-referenza 79/2020 TA, 80/2020TA u 81/2020TA; kemm qabel kif ukoll fil-mori tat-tali proceduri gudizzjarji, il-kumpannija rikorrenti, bhala wahda mir-rapprezentanti tal-operaturi tal-vetturi tal-garr tal-passiggieri, kienet involuta fid-diskussjonijiet mal-awtorita' intimata, u b'hekk kienet taf sewwa x'qed jigi diskuss u x'kien ser ikun l-ezitu ta'dawk id-diskussjonijiet. Zgur li ghalhekk ma jistax jinghad li l-kumpannija rikorrenti kellha xi stennija li l-ligi ma tigix emendata bil-mod ta' kif giet emendata. Bl-istess mod u ghall-istess ragunijiet zgur li l-kumpannija rikorrenti ma tgawdi mil-ebda *'aspettativa legittima'* li twaqqaf lill-legislatur milli jaqdi dmirijietu u jhares l-interess generali;

10. Barra minn hekk, lanqas ma jista' jinghad li l-emendi legislattivi ser iwasslu lill- kumpannija rikorrenti sabiex b'xi mod jew iehor tkun qed tigi imgieghla ggorr xi piz individwali eccessiv". Kif gia gie eccepit fit-tielet eccezzjoni, l-introduzzjoni tal-emendi in kwestjoni ma biddlux l-istatus quo li kienet tinsab fih il-kumpannija rikorrenti qabel it-tali

intervent legislattiv. Tali emendi lanqas ma wasslu biex il-kumpannija rikorrenti ggor xi 'piz' li operaturi ohra mhumiex igorru. Ghal kuntrarju tali Dritt tad-Dhul inzamm fis-sehh fl-interess u ghall-beneficcju tal- operaturi kollha tal-vetturi- ghall-garr tal-passiggieri, inkluz l-kumpannija rikorrenti.

11. B'zieda ma dan, l-ilmenti tal-kumpannija rikorrenti lanqas ma jistghu jigu mistharrga mill-lenti tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** ghaliex fil-kaz tallum ma giet mehuda l-ebda propjeta' mir-rikorrenti b'mod obbligatorju. Apparti li kienet l-ghazla hielsa tal-kumpannija rikorrenti li tapplika ghall-licenzi in mertu, il-hlas tad-Dritt ta' Dhul mill-awtorita' intimata gie mitlub abbazi tal-ligi u b'hekk huwa wkoll, f'kull kaz, imhares minn dak li jiddisponi **paragrafu 2(a) tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**. Jigi b'hekk li thares minn kull fejn thares, l-ewwel talba tal-kumpannija rikorrenti ghandha tigi michuda;

12. Marbut sfiq mal-eccezzjonijiet kollha ga mqajjma, ladarba m'hemmx ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-kumpannija rikorrenti u l-ewwel talba mhijiex misthoqqa, jaqghu wkoll it-talbiet l-ohra tal-kumpannija rikorrenti dwar ir-rimedji mfittxija minnha;

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif premessi bil-ligi;

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez;'

Rat illi fil-verbal ta' din il-Qorti datat 28 ta' Gunju, 2022 Dr. Vella ghan-nom tar-rikorrenti irrileva li t-tlett kawzi istitwiti mis-

socjeta' rikorrenti ghar-rifuzjoni tal-'entry fee' igibu r-referenza 79/2020, 80/2020 u 81/2020 li gewipprezentati fis-6 ta' Ottubru 2020 u jinsabu pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.'

Rat li fil-verbal tat-13 ta' Ottubru, 2022 r-rikorrent talbet l-allegazzjoni tal-processi bin-numru 79/20TA, 80/20TA u 81/20TA u rat li din il-Qorti laqghet it-talba u rat li f'dawk l-atti r-rikorrenti qed titlob kif isegwi:

'1. Jiddikjara u jiddeciedi li d-decizjoni tal-Awtorità intimata li tezigi l-hlas tad-dritt tad-dhul fl-ammont ta' €17,596.00 bhala kondizzioni sabiex tohrog licenza ai termini tar-Regolament 112 tal-S.L. 599.56 fir-rigward tal-vettura de quo hija arbitrarja, illegali u ultra vires.
2. Jikkundanna lill-Awtorità intimata sabiex tirrifondi lis-socjetà esponenti l-precitat ammont ta' €17,596.00.'

Rat illi fil-verbal datat 17 ta' Jannar, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-rikors kostituzzjonali odjern is-Socjeta' rikorrenti tallega ksur tad-dritt taghha ghal smigh xieraq u wkoll ghad-dritt taghha ghat-tgawdija tal-proprjeta' fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem,

l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni u l-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrenti tallega li dan sehh ghaliex wara li skada terminu li permezz tieghu kienet mposta l-hlas ta' mizata amministrattiva fuq ir-registrazzjoni ta' *minibuses* godda cioe' fid-19 ta' Mejju 2020, skont ir-Regolament 117 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggier (SL 499.56 ) hija giet mgieghal thallas xorta wadha din il-mizata amministrattiva jew *entry fee* fuq tlett vetturi, liema mizati hija hallset 'under protest' u ghaddiet sabiex tintavola kawzi fil-Qorti llum pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex dawn l-ammonti jigi rifuzi lilha. Fil-mori tal-pendenza ta' dawn il-kawzi ssostni li l-intimati biddlu l-ligi u ghamluha applikabbli b'mod retroattiv b'dana li l-ligi kif emendata ssostni li l-mizata kellha tibqa' tithallas ghal perjodu ta' sentejn ohra b'dana li allura ssostni li gew lezi d-drittijiet fudnamentali taghha suesposti.

Illi da parti taghhom l-intimati fl-ewewl lok jeccepixxu li l-Ministru ntimat mhux il-legittimu kontradittur, fil-mertu, fost ohrajn, jsostnu li l-konsultazzjoni mehtiega skont il-ligi kienet saret minkejja d-diffikultajiet li gabet maghha dak iz-zmien il-Pandemija tal-Covid 19, f'liema konsultazzjonijiet kien hemm anki r-rikorrenti nvoluta, li qatt ma kien hemm l-intenzjoni li jitnehha l-obbligu tal-hlas tal-mizata tant li sakemm iddahhlet il-ligi b'mod retroattiv sabiex jigi ccarat dan il-punt gew registrati 171 vettura kollha bil-hlas tal-mizata amministrattiva nkluz tlieta tar-rikorrenti. Jsostnu wkoll li abbazi tal-artikolu 9 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 419 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kamp civili, l-intervent legislattiv huwa permissibbli li jkun applikabbli b'mod retroattiv u li dan gie dikjarat mhux lesiv tad-drittijiet fundamentali wkoll mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi mill-lat ta' provi l-Qorti semghet ix-**xhieda ta' Emanuel Zarb rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti** fis-seduta tat 28 ta' Gunju, 2022 a fol. 20 et seq tal-process u rat id-dokumentazzjoni esebita minnu a fol. 17, 18 u 19 tal-process min fejn jirrizulta li fuq it-tlett vetturi indikati fir-rikors promotorju thallsu mizati amministrattivi kif isegwi:

| | | |
|---|---|---|
| (i) ZPY 020 | - | € 17,596; |
| (ii) ZPY 126 | - | €17,726.25; |
| (iii) ZPY 125 | - | €17,726.25. |

Rat li dawn il-hlasijiet saru bejn it-18 ta' Settembru, 2020 u t-2 ta' Ottubru, 2020 fl-istess zmien li kien hemm il-konsultazzjoni ghaddejja mnedija mill-Awtorita' intimata liema konsultazzjoni aktar tard fl-atti jirrizulta li nbdiet fis-17 ta' Settembru, 2020 permezz ta' e-mail f'cirkostanzi wkoll ta' l-eqqel tal-Pandemija.

Illi dwar il-hlas tal-mizati amministrattivi fuq it-tlett *minibuses* importati sabiex jintuzaw biex iwasslu t-tfal fl-iskejjel ir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti jixhed kif isegwi:

'Issa jien kont naf li l-ligi kienet, ir-regolamenti kienu spicaw il-legal notice, kienet ghalaq iz-zmien taghha ghax din kienet ghal perjodu ta' snin u mbaghad spiccat; ma baqghetx tezisti. Allura jien ghidt isma jekk ha ngib il-minibuses ma ghandix ghalfejn inhallsilhom l-entry fee. U hekk ghamilt, mort gibt tliet (3) minibuses godda, mort Transport Malta biex nirregistrahom, u x'hin mort nirregistrahom qalli 'Trid thallas l-entry fee'. Ghidtlu 'Ma tafx li ilha xhur li spiccat din?'. Ghidtlu 'M'hemmx ghalfejn'. Qalli 'Ghandek ragun vera, imma trid thallas'. Ghidtlu, hallast. Ma kellix cans ghax kienu Settembru u kienu ha jibdew it-tfal tal-iskola, kelli nhallas bilfors u hallast under protest.'

Jghid li konsegwentement ghaddha sabiex jintavola tlett kawzi sabiex jiehu flusu lura. Jghid izda li filwaqt li kienu ghaddejjin dawn il-kawzi:

'Mela, ghax icekkjajna sew, meta jkun hemm ha taghlaq din ir-regolamenti, sitt (6) xhur qabel, iridu jibghatu ghal membri minn ghandu l-minibuses jew vetturi simili, biex jaghmlu consultation. Consultation ma ghamluhiex. X'hin jien ftaht il-kawza mbaghad ghamlu consultation, ma nafx kemm il-xahar wara, meta dawn suppost ghamluha sitt (6) xhur qabel. Umbaghad regghu dahluha fis-sehh, regghu dahluha. Issa regghet ghalqet u qed jaghmlu consultation ohra issa regghu wara z-zmien li ghalqet regghu.'

Ghamluha tapplika b'mod retroattiv. Jinsisti b'referenza ghall-kopja tal-log-books li l-*entry fee* mhux suppost thallset. Tithallas is-somma ta' madwar €800 ghal kull *seat* fil-vettura. Jghidli meta mar ihallas il-haddiema ta' Transport Malta qalulu li kellu ragun li l-ligi kienet skadiet izda li kienu qalulhom sabiex igieghluh ihallas w'ghalhekk huwa hallas 'under protest' billi annetta ittra mal-hlas (ara l-kopji esebiti a fol. 28, 29 u 30 tal-process). Jghid li kellu jhallas ghaliex kien Settembru u kienet ser tibda l-iskola. Ma kellux ghalfejn jistaqsi riedx ihallas jew le ghaliex ir-regolament kien ghalaq biz-zmien. L-ittri imsemmija li lkoll igibu l-istess data tat-18 ta' Settembru, 2020 jaqraw kif isegwi:

'My clients wish to obtain a passenger transport vehicle licence, in terms of Regulation 117 of S.L. 499.56, in relation to the vehicle referred to in caption. As you are surely aware, Regulation 117(1) states that "For a period of eleven years from the coming into force of these regulations, the application fee for a passenger transport vehicle licence referred to in regulation 27 shall be made up of two

parts being the application fee and the entry fee, where this is applicable..." Regulation 117(2) then states that "At the end of the period above-mentioned, the entry fee will no longer be applicable, provided that, the Authority will, six months prior to the end of the six year period referred to in this sub-regulation hold consultations with representatives of the operators in order to be in a position to analyse the potential repercussions of the removal of the entry fee."

Regulation 117 came into force on the 19th May 2009, thus the eleven-year period expired on the 18th May 2020 and no consultation was held within the timeframes stated in Regulation 117(2). Therefore, it is amply clear that the entry fee no longer applies.

Regrettably, notwithstanding the foregoing, Transport Malta officials have verbally indicated that they shall still be requiring my client to pay the entry fee in order to issue the passenger transport vehicle licence in question. This is clearly ultra vires and illegal as it is in flagrant breach of Regulation 117.

My client needs to obtain a passenger transport vehicle licence in relation to the said vehicle, as this is essential for his operational needs, and my client is therefore being compelled to pay the entry fee even though this is clearly not due. On behalf of my client, I am hereby formally declaring for all intents and purposes of law, that such payment is being made under protest and entirely without prejudice to my client's right to institute the applicable legal proceedings for the recovery of the entry fee which Transport Malta is illegally exacting.’

**Semghet u rat ix-xhieda ta' Brian Farrugia, direttur fid-Direttorat tat-Trasport fuq l-art fi hdan l-Awtorita' ghat-Trasport Malta fis-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2022 a fol. 33 et seq tal-process**. Rat id-dikjarazzjoni sussegwenti ghal dan l-ezami permezz ta' nota a fol. 37 da parti tal-Awtorita' ghat-Trapost f'Malta kif isegwi:

'1. In-numru ta' applikazzjonijiet li ghalihom thallset l-Entry Fee bejn id-19 ta' Mejju 2020 u 1-21 ta Mejju 2021 kien 171.
2. In-numru ta' vetturi ghal garr tal-passiggieri registrati sal-21 ta' Mejju 2021 kien 1,364.
3. In-numru ta' vetturi ghal garr tal-passiggieri registrati bejn id-19 ta' Mejju 2020 u 1-21 ta Mejju 2021 kien 116.'

Rat illi konsegwenti ghall-prezentata tan-nota suesposta, Dr Saliba ghan-nom tal-Awtorita' intimata ddikjara fil-verbal tas-17 ta' Jannar, 2023 li apparti s-socjeta' rikorrenti, ebda operatur iehor ma ressaq kawza ghar-rimbors tal-*entry fee*.

Rat li Brian Farrugia xehed ukoll permezz ta' affidavit a fol. 41 et seq tal-process. Fih huwa jixhed kif isegwi:

'1. Jien nokkupa l-kariga ta' Direttur - Regulatory & Legal Affairs Unit, gewwa d-Direttorat ghat-Trasport fuq l-Art fi hdan I-Awtorita Ghat-Trasport / Malta.

2. Ir-Regolament 117 tal-Ligi Sussidjarja 499.56, li jirregola d-dritt tal-applikazzioni (application fee) u d-dritt tad-dhul (entry fee) tal-licenzji ta vetturi ghall-garr ta' passiggiera, dahal fis-sehh fis-19 ta Mejju 2009. Qabel l-emendi li qed jigu attakkati b'din il-kawza, l-ewwel zewg sub-artikoli kienu jghidu hekk:

*117. (1) Ghal perjodu ta' hdax-il sena minn meta dawn ir-regolamenti jidhlu fis-sehh, il-hlas ta' l-applikazzioni ghal licenza ta' vettura ghall-garr ta' passiggieri msemmija fir-regolament 27 ghandha tkun maqsuma f'zewg partijiet li huma d-dritt ta' l-applikazzioni u d-dritt tad-dhul, fejn dan japplika kif stipulat fil- Parti 4 tal-Ghaxar Skeda.*
*(2) Fl-ahhar tal-perjodu msemmi hawn fuq, id-dritt tad-dhul ma jibqax japplika, izda jekk, l-Awtorità, sitt xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' sitt snin imsemmi f'dan is-subregolament taghmel konsultazzjonijiet mar-rapprezentanti ta' l-operaturi sabiex tkun f'pozizzioni li tanalizza r-riperkussjonijet li jista' jkun hemm fuq it-tnehhija tad-dritt tad-dhul.'*

3. Kif wiehed jista' jara, din il-ligi kien fiha l-izbalji. Fl-ewwel lok it-tieni sub-artikolu kien isemmi perijodu ta' sitt (6) snin meta dan kellu jaqra hdax (11) il sena biex ikun parigg l-ewwel sub-artikolu. U aghar minn hekk, it-tieni sub-artikolu lanqas jinftiehem sewwa sew. Konsegwentement din il-ligi kellha tinbidel.

4. Apparti li ridna nbidlu l-*wording* ta' dan l-artikolu biex jigi jaghmel sens, ridna wkoll nestendu l-perijodu ta' hdax-il-sena, bl-istess mod li konna diga' estendejnih mill-perijodu originali ta 6 snin (kif fil-fatt jirrizulta mit-tieni sub-artikolu li bi zvista qatt ma gie emendat sal-2021).

5. L-iskop wara l-estensjoni kien sabiex nghinu u nipprotegu lill-operaturi tas-settur, fil-kuntest tal-impatt devastanti li halliet il-pandemija tal-Covid-19 fuq l-istess settur, li huwa dipendenti kemm fuq it-turizmu u kif ukoll fuq l-iskejjel. Dan peress li l-vetturi ghall-garr ta passiggieri jintuzaw principalment ghat-trasport tat-turisti u t-tfal tal-iskejjel.

6. Il-konsultazzjonijiet bdew wara li ghalaq it-terminu ta 11-il sena, u wahda mir-ragunijiet kienet il-pandemija tal-Covid-19 u r-restrizzjonijiet kbar li gabet maghha.

7. It-talba ghall-konsultazzioni mar-rappreznta nti tal-operaturi saret permezz ta' emails mibghuta minni stess f'Settembru 2020, fein iffissjna laqghat fl-ufficini taghna ghal dak ix-xahar stess (emails annessi kumplessivament bhala Dok A). *Esebiti a fol. 44 et seq tal-process.*

8. Il-konsultazzjoni kienet ntiza sabiex nestendu d-dritt tad-dhul b'sentejn ohra. Il-maggoranza assoluta tal-operaturi qablu li tigi estiza (Minuti tal-Laqghat annessi bhala Dok B). *Esebiti a fol. 49 et seq tal-process.*

9. L-Awtorita' qatt ma tat x'tifhem li d-dritt tad-dhul kien se jitnehha. Infatti, bejn is-19 ta' Mejju 2020 (u cioe' meta spicca l-perijodu ta' 11-il sena) u 1-21 ta Mejju 2021 (meta emendajna l-ligi, rregistrajna 116-il vettura gdida ta dan it-tip, u kulhadd hallas l-entry fee minghajr problemi u opposizzjoni. Kienu biss Zarb Coaches u operatur iehor li halsu ghall-applikazzionijiet taghhom under protest, u kienet Zarb Coaches biss fethet kawzi kontrina biex titlob ir-rifuzioni tal-entry fees imhalsa minnha.

10. L-operaturi l-ohra kollha fehmu li ladarba l-Awtorita' ma kinitx ghadha kkonkludiet il-konsultazzjonijiet, kellha kull jedd tesigi l-hlas tad-dritt tad-dhul biex tohrog il-licenzji, u barra minn hekk accettaw li l-entry fee kienet fl-interess taghhom, u hadd minnhom ma oppona ghall-hlas. Fl-ahhar mill-ahhar kienu l-operaturi stess - inkluz Zarb Coaches - li ppartecipaw fil-

konsultazzonijiet b'mod attiv, u ghalhekk kienu jafu (u anzi, riedu) li tigi estiza l-*entry fee*.

11. Dawn il-konsultazzjonijiet kienu ghadhom pendenti meta Zarb Coaches fethet il-kawzi bin-numri 79/2020 TA, 80/2020 TA, u 81/2020 TA, u anzi Zarb Coaches kienet konxja li l-perjodu kien ser jigi estiz ghaliex hi stess kienet qed tippartecipa fil-konsultazzionijiet kif gja spjegajt.

12. Kif kien dejjem il-qbil mall-operaturi mill-bidu nett, l-Awtorita ma nehhietx l-obbligazzjoni tal-hlas ta' dan id-dritt tad-dhul (*entry fee*), u konsegwentement estendiet il-perijodu ta' hdax-il sena ghal tlettax-il sena. Sabiex jigi evitat kull ekwivoku, din l-emenda saret b'mod retroattiv, biex ikun inekwivoku li d-dritt tad-dhul qatt ma tnehha u dejjem kellu jithallas.

13. Ir-retroattivita' ma bidlet xejn mis-sitwazzjoni ta' Zarb Coaches: mill-bidu nett l-Awtorita' kienet esprimiet id-decizjoni taghha, bi qbil mal-operaturi, li l-perjodu kien ser jigi estiz b'sentejn. Fil-fatt anki qabel l-emenda Awtorita' baqghet tezigi u tigbor il-hlas tad-dritt tad-dhul minghand kull min ghamel applikazzioni: total ta 116 registrazzjoni gdida.

14. L-emenda fil-ligi ghalhekk kienet mhux biss prevedibbli, izda wkoll dikjarata u maqbula mall-operaturi minn hafna qabel ma dahlet fis-sehh. Barra minn hekk, l-emenda, bhall-emenda l-ohra precedenti, saret fl-interess generali tas-settur li topera fih Zarb Coaches, wara li ahna konsultajna mar-rapprezentanti tas-settur, fosthom -Zarb Coaches stess. L-emedi ghalhekk ma sarux sabiex ixejnu xi drittijiet ta' Zarb Coaches izda anzi biex ikomplu jipproteguha mill-hsara li tigi bil-*liberalisation*

totali tas-suq: l-emendi kienus er jidhlu fis-sehh irrispettivament mill-proceduri gudizzjarji li Zarb Coaches bin-numru 79/2020 TA, 80/2020 TA, u 81/2020 TA.'

Rat a fol. 44 et seq tal-process l-*e-mails* li permezz taghhom gew iffissati dati mal-istakeholders f'Settembru, 2020 bil-kliem l-aktar rilevanti uzat kien kif isegwi:

'By means of this email, may I kindly refer you to Subsidiary Legislation 499.56 - Passenger Transport Services, regulation 117, particularly to the Entry Fee.

As per said regulation, 'at the end of the period (eleven years from the coming into force of these regulations), the entry fee will no longer be applicable'. In this regard, the Authority will be holding a consultation with the passenger transport stakeholders in order to bein a position to analyse the potential repercussion of the removal of the entry fee.

In view of the above, please be informed that the consultation meeting will be held at the Land Transport Directorate, A3 Towers, Arcade Street, Paola on Wednesday 23"* September 2020 at 1:00pm.

You are kindly requested to confirm by return mail your attendance to the undersigned.'

Rat li l-ewwel *e-mail* kienet datata 17 ta' Settembru, 2020, jum biss qabel l-ewwel hlas tal-'entry fee' in kontestazzjoni fil-kaz odjern u qabel id-data tal-ittri imhejjija sabiex jesprimu l-pagment 'under-protest' tar-rikorrenti ghalkemm tnejn minn tlett pagamenti konsegwentement saru fit-2 ta' Ottubru, 2020. Rat ukoll il-minuti

tal-laqgha tal-24 ta' Settembru, 2020 (fol. 50) fejn attendew rapprezentanti tas-socjeta' rikorrenti flimkien ma' *stakeholders* ohrajn indikati fejn dawn ilkoll sostnew li kienu favur li l-'entry fee' tigi mnehhiija. Dan jevidenzja lil din il-Qorti li r-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti fl-affidavit tieghu ma kienx korrett meta xehed l-konsultazzjoni nfethet wara li s-socjeta' kienet ntavolvat il-kawzi biex jigu rifuzi l-mizati mhallsa stante li dawn il-laqghat saru f'Settembru, 2020 filwaqt li l-kawzi nfethu fis-6 ta' Ottubru, 2020.

Illi l-Qorti rat ukoll li fil-minuti konsegwenti, *stakeholders* ohra indikaw li ma kienux favur li din titnehha. Fl-istess minuti gie indikat mill-*istakeholders* li l-pandemija ma kinitx qed tghin is-sitwazzjoni taghhom. Rat a fol. 57 tal-process dokument li jindika li filwaqt li erba' *stakeholders* kienu favur li tigi abolita l-*entry fee*, seba' ohra kienu kontra.

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' Jannar, 2024 in vista tal-linja tal-provi mressqa, l-partijiet qablu li l-ewwel kaz ta' Covid f'Malta gie registrat fis-7 ta' Marzu 2020.

Rat li Brian Farrugia xehed in kontro-ezami a fol. 64 et seq tal-process. Jikkonferma li l-vetturi li hallsu l-*entry fee* fil-perjodu bejn id-19 ta' Mejju, 2020 u l-24 ta' Mejju, 2021 kienu 171 li jinkludu it-3 tar-rikorrent. Izid li hadd ma fetah kawza hlief ir-rikorrenti. Dwar il-ligi attakkata jghid li din ghaddiet biss mill-Kabinett ghaliex hija Avviz Legali. Jaqbel izda li l-ligi kif kienet precedentement kien fiha xi zbalji fiha per ezempju tas-sitt snin. Jghid li originarjament il-ligi ddahhlet lura fis-sena 2009 b'konsultazzjoni mal-*istakeholders* u kienet intiza sabiex tipprotegi lilhom li gia kienu fis-suq rizultat tad-direttivi tal-Unjoni Ewropea bl-ghan li s-suq jilhaq jibbilancja ruhu. Originarjament il-ligi

ddahlet ghal sitt snin u wara zdiedet ghal hdax ghalhekk kien hemm dak l-izball. Ghalkemm jaqbel li fid-19 ta' Mejju, 2020, il-hdax-il sena kienu skadew, jghid li dak iz-zmien l-Awtorita' li kellha f'mohhha kien kif ser thalli dawn l-operaturi jahdmu minhabba l-Covid u sabiex jiggeddu t-*tags* tax-xufiera. Fil-fatt bosta ligijiet gew estizi nkluz tal-VRT. Jixhed ukoll li kienu l-maggoranza tal-operaturi li riedu li tiggedded wara l-iskadenza tal-hdax-il sena izda issa, wara erbatax-il sena, issa waqfulhom u l-Awtorita' qaltilhom daqshekk. Jinsisti li ghalkemm il-konsultazzjoni bdiet f'Settembru fi zmien il-pandemija, l-Awtorita' dak iz-zmien qatt ma kellha l-hsieb li tnehhi l-'entry fee' dan ghaliex anki kienet qisha gia taf li l-maggoranza tal-'istakeholders' hekk riedu, fil-fatt 70% qablu li tibqa u xi 30 % riedu li titnehha b'dana izda li uhud mill-operaturi ghandhom flottot ferm akbar minn dawk tar-rikorrenti. Jikkonferma li r-rikorrenti mill-ewwel ghamlitha cara li ser isir il-hlas 'under protest'.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax fl-ewwel lok li huwa pjuttost suspettuz kif it-tlett registrazzjonijiet li ghamlet is-socjeta' rikorrenti '**kumbinazzjoni'** sehhew fil-granet segwenti ghat-tnedija tal-process tal-konsultazzjoni cioe', wara li ntbaghtet l-email fis-17 ta' Settembru, 2020. Fil-fatt ir-registrazzjonijiet saru fit-18 ta' Settembru, 2020 u fit-2 ta' Ottubru, 2020 filwaqt li l-ittri ntizi sabiex jesprimu il-pagament 'under protest' lkoll igibu d-data tat-18 ta' Settembru, 2020. In vista ta' dan il-Qorti tqis li s-socjeta' rikorrenti certament ma tistax targumenta li ma kinitx konxja mill-konsultazzjoni anzi huwa probabbli li kienet l-istess procedura li wasslitha sabiex tittanta xortiha u tipprova tapplika l-interpretazzjoni taghha moghtija lill-ligi rilevanti a favur taghha sabiex ma thallasx il-misata amministrattiva in kwistjoni u dan

tista’ tghid anki kkonfermah ir-rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti fix-xhieda tieghu a fol. 20 et seq partikolarment fejn jghid:

‘Issa jien kont naf li l-ligi kienet, ir-regolamenti kienu spiccaw il-legal notice, kienet ghalaq iz-zmien taghha ghax din kienet ghal perjodu ta' snin u mbaghad spiccat; ma baqghetx tezisti. Allura jien ghidt isma jekk ha ngib il-minibuses ma ghandix ghalfejn inhallsilhom l-entry fee. U hekk ghamilt’.’

Il-Qorti tqis li kien aktar probabbli li r-rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti ittanta xortih sabiex ma jhallasx l-‘entry fee’ ghaliex kienet l-*email* stess tas-17 ta’ Settembru, 2020 mibghuta dwar il-konsultazzjoni li taghtu l-idea li jqanqal il-kwistjoni tal-allegata skadenza tal-ligi tant li mar jaghmel ir-registrazzjoni l-ghada!

Illi minn dak li rat il-Qorti fil-korrispondenza dwar il-konsultazzjoni esebita fl-atti, mkien ma’ kien qed jigi ndikat li fil-frattemp il-hlas tal-‘entry fee’ kienet twaqqfet skont il-ligi anzi pjuttost intuza kliem li jfisser bil-kontra u cioe’ **jekk din ghandhiex titnehha** w’allura li taghti wiehed jifhem li kienet ghadha applikabbli.

Illi filwaqt li r-rapprezentant tal-Awtorita’ intimat Brian Farrugia, fl-atti, jammetti li l-kliem uzat fir-regolament 117 tal-SL 499.56 mhux felici, din il-Qorti rat l-istess regolament u nnutat li s-sub-artikolu (2) tal-istess facilment jista’ jigi nterpretat li l-hlas jibqa’ japplika sakemm ma ssirx konsultazzjoni li permezz tieghu jitnehha u mhux bil-kontra. Ghalhekk huwa car f’mohh din il-Qorti li l-vertenza li ressqet is-socjeta’ rikorrenti quddiem din il-Qorti mihiex wahda kostituzzjonali izda semplicement vertenza dwar nuqqas ta’ qbil ta’ nterpretazzjoni ta’ ligi. Dwar l-Avviz

Legali li dahal ssussegwenti ghall-intavolar tal-kawzi msemmija din il-Qorti allura ma tistax ma tirrilevax illi skont l-interpetazzjoni moghtija lill-ligi kif mhux emendata dan jista' jkun li se mai kkonfermat biss l-istatus quo u mhux bidlet il-ligi b'mod retroattiv. Din il-kwistjoni ta' interpretazzjoni izda mihiex mansjoni ta' din il-Qorti izda se mai hija mansjoni tal-Qorti adebita bil-kawzi ghar-rifuzjoni tal-pagament.

Illi fi kwalunkwe kaz il-Qorti rat l-artikolu 9 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

'Kull liġi magħmula wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att bis-saħħa ta' setgħa mogħtija b'xi Att mgħoddi qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att tista', kemm-il darba ma jkunx jidher ħsieb kuntrarju fl-Att li jagħti dik is-setgħa, tkun retroattiva għal kull data li ma tkunx qabel il-bidu fis-seħħ ta' dak l-Att jew, meta dispożizzjonijiet differenti tiegħu jkunu jibdew iseħħu f'dati differenti, li ma tkunx qabel il-bidu fis-seħħ tad-dispożizzjoni libis-saħħa tagħha ssir il-liġi sussidjarja:Iżda ebda persuna ma teħel xi piena dwar xi ħaġa li tkunsaret jew li naqset milli ssir qabel il-bidu fis-seħħ tal-liġi sussidjarja.'

Illi dan l-artikolu suespost jgib fix-xejn il-pretensjonijiet kollha ta' tas-Socjeta' rikorrenti almenu fl-ambitu ta' allegati ksur ta' jeddijiet fundamentali, anzi tqis li r-rikors odjern sar mis-socjeta' rikorrenti b'mod frivolu u vessatorju ghall-ahhar ghalkemm pjuttost kostruttiv u makakk.

Illi in vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti u stante li l-Qorti tqis li l-pretensjonijiet tas-socjeta' rikorrenti bl-ebda mod u manjiera ma jinkwadraw ruhhom fi ksur ta' xi jeddijiet fundamentali kif allegat b'dana li ser tghaddi sabiex tichad it-

talbiet tar-rikorrenti, tqis li jkun superfluwu da parti taghha li tidhol f'analizi tal-eccezzjonijiet tal-intimati wahda wahda partikolarment ukoll dawk preliminari.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-ilment kostituzzjonali odjern billi tilqa' dawk l-eccezzjonijiet tal-intimati li huma kompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti stante li ma sabet l-ebda lezjoni ta' drittijiet fondamentali, filwaqt li tiddikjara r-rikors frivolu u vessatorju.

Il-Qorti tordna li l-atti annessi jirritornaw b'mod immedjat ghand il-Prim' Awla tal-Qorti Civili diversament preseduta sabiex ikomplu jinstemghu fil-mertu.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Novembru , 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**

**28 ta' Novembru , 2024**